

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► B ► M1 DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI
tad-29 ta' Marzu 2011

li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni marbut mal-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran ◀

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1984)

(2011/207/UE)

(ĠU L 87, 2.4.2011, p. 9)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/246/UE tat-2 ta' Mejju 2012	L 121	25	8.5.2012

▼ B▼ M1**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI****tad-29 ta' Marzu 2011****li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni marbut mal-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran**▼ B*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1984)**(2011/207/UE)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 95 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) fl-2006 adottat pjan multiannwali ta' rkupru għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran. Dak il-Pjan ġie traspost f'leġiżlazzjoni tal-Unjoni bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1559/2007 ⁽²⁾.
- (2) L-ICCAT emendat il-pjan ta' rkupru fl-24 ta' Novembru 2008 bir-Rakkomandazzjoni 08-05. Il-pjan kif emendat kien traspost fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 ⁽³⁾.
- (3) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess u sħiħa tal-pjan multiannwali ta' rkupru emendat, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/296/KE ⁽⁴⁾ stabbiliet programm ta' kontroll u spezzjoni speċifiku li jkopri perjodu ta' sentejn, mill-15 ta' Marzu 2009 sal-15 ta' Marzu 2011.
- (4) Il-programm ta' kontroll u spezzjoni speċifiku marbut mal-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran, kif stabbiliet bid-Deċiżjoni 2009/296/KE, ser jiskadi fil-15 ta' Marzu 2011. Għandha tiġi adottata Deċiżjoni tal-Kummissjoni ġdida bil-ħsieb li tkun żgurata l-kontinwità ta' dak il-programm u biex ikunu implimentati immedjatament ċerti dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni 10-4 tal-ICCAT, l-aktar dawk dwar il-preżentazzjoni bikrija ta' ċerti pjanijiet meħtieġa għas-sajd u l-ispezzjoni.
- (5) Il-programm ta' kontroll u spezzjoni speċifiku ġdid għandu jkun stabbiliet għall-perjodu mill-15 ta' Marzu 2011 sal-15 ta' Marzu 2014. Ir-risultati akkwistati permezz tal-applikazzjoni tiegħu għandhom ikunu evalwati perjodikament f'kooperazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 340, 22.12.2007, p. 8.⁽³⁾ ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 80, 26.3.2009, p. 18.

▼B

- (6) Sabiex il-kontroll u l-ispezzjoni tas-sajd għat-tonn fil-livell tal-Unjoni jkunu armonizzati, huwa xieraq li jitfasslu regoli komuni għall-attivitajiet ta' kontroll u spezzjoni li għandhom jwettqu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati, u li l-Istati Membri jadottaw programm nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll sabiex jikkonformaw ma' regoli komuni bħal dawn. Għal dan il-għan, għandhom ikunu stabbiliti punti ta' referenza għall-intensità tal-attivitajiet ta' kontroll u spezzjoni, kif ukoll prijoritajiet u proċeduri għall-kontroll u l-ispezzjoni.
- (7) Sabiex ikunu żgurati is-segwitu tal-ksur, din id-Deċiżjoni għandha tistabbilixxi, fost oħrajn, il-proċeduri li taħthom l-awtoritajiet ikkonċernati jistgħu jwettqu skambju tal-informazzjoni rilevanti skont l-Artikolu 117 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
- (8) L-attivitajiet konġunti ta' spezzjoni u sorveljanza għandhom jwettqu skont il-pjanijiet ta' użu konġunt stabbiliti mill-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (CFCA) stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 ⁽¹⁾.
- (9) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi programm ta' kontroll u spezzjoni speċifiku sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni armonizzata tal-pjan multiannwali ta' rkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran adottat mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn fl-Atlantiku (ICCAT) fl-2006 kif traspost bir-Regolament (KE) Nru 302/2009 kif emendat l-aħħar bir-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT tas-27 ta' Novembru 2010.

Artikolu 2

Ambitu temporali u territorjali

Il-programm ta' kontroll u spezzjoni speċifiku għandu japplika sal-15 ta' Marzu 2014 fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

Artikolu 3

Ambitu materjali

Il-programm ta' kontroll u spezzjoni speċifiku għandu jkopri dawn l-attivitajiet:

- (1) l-attivitajiet kollha tas-sajd, inklużi l-qabdiet inċidentali, minn bastimenti tas-sajd u nases, inklużi operazzjonijiet tas-sajd konġunti;

⁽¹⁾ ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.

▼ M1

- (2) l-operazzjonijiet kollha tal-qbid, il-ħatt l-art, it-trasferimenti, it-trażbordi u t-tqegħid fil-gaġeġ, inklużi l-programmi tat-teħid tal-kampjuni u l-istudji pilota;

▼ B

- (3) l-attivitajiet kollha relatati mal-irziezet u l-operaturi involuti fit-tqegħid fil-gaġeġ, it-tismin, l-akkwakultura, il-ħsad jew l-ipproċessar tat-tonn u/jew tal-kummerċ fil-prodotti tat-tonn, inklużi l-kummerċ domestiku, l-importazzjoni, l-esportazzjoni u r-riesportazzjoni, it-transport u l-ħżin;
- (4) is-sajd sportiv u rikreattiv.

KAPITOLU II

OBJETTIVI, PRIJORITAJIET, PUNTI TA' REFERENZA U PROĊEDURI*Artikolu 4***Objettivi**

L-attivitajiet ta' kontroll u spezzjoni għandhom jimmiraw sabiex jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- (1) il-pjanijiet annwali tas-sajd, kif previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 302/2009;
- (2) il-probizzjoni tal-użu ta' inġenji tal-arju u elikopters tat-tiftix, kif previst fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 302/2009;
- (3) il-miżuri dwar il-kapaċitajiet tas-sajd u tal-produzzjoni fl-irziezet, kif previst fl-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 302/2009;
- (4) l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe programm tal-osservatur fl-Unjoni, inkluż il-programm tal-osservatur tal-Istati Membri, u l-Programm Reġjonali tal-Osservatur tal-ICCAT, kif previst fil-punti 90, 91, 92 u l-Anness 7 għar-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT;
- (5) ir-regoli dwar ir-reġistrazzjoni tal-bastimenti awtorizzati għall-qbid u bastimenti tas-sajd oħra, kif previst fl-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament (KE) Nru 302/2009;
- (6) il-miżuri u l-kundizzjonijiet tekniċi speċifiċi għas-sajd tat-tonn kif previst fir-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT, b'mod partikolari r-regoli dwar id-daqs minimu u l-kundizzjonijiet assoċjati;
- (7) ir-restrizzjonijiet kwantitattivi dwar il-qabdiet u kwalunkwe kundizzjoni speċifika assoċjata magħhom, inkluż il-monitoraġġ tal-użu tal-kwota, kif previst fir-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT;
- (8) ir-regoli ta' dokumentazzjoni applikabbli għat-tonn, kif previst fir-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT;

▼ M1

- (9) l-implimentazzjoni ta' studji pilota dwar kif jista' jkun hemm stima aħjar tal-għadd u l-piż tat-tonn fil-mument tal-qabda;
- (10) l-implimentazzjoni ta' programmi tat-teħid tal-kampjuni u/jew programmi alternattivi fil-ħin tat-tqegħid fil-gaġeġ sabiex jitjiebu l-istimi tal-għadd u tal-piż tal-ħut fil-gaġeġ.

▼B*Artikolu 5***Prijoritajiet**

Il-kategoriji differenti tal-irkaptu għandhom ikunu suġġetti għal livelli differenti ta' prijoritizzazzjoni, skont il-pjan annwali tas-sajd. Għal din ir-raġuni, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi prijoritajiet speċifiċi.

*Artikolu 6***Punti ta' referenza**

Il-punti ta' referenza għall-ispezzjoni huma stabbiliti fl-Anness I.

*Artikolu 7***Proċeduri**

L-attivitajiet ta' kontroll u spezzjoni għandhom jitwettqu skont id-dispożizzjonijiet proċedurali li ġejjin:

- (1) l-Iskema tal-ICCAT tal-Ispezzjoni Internazzjonali Konġunta, kif previst fil-punti 99, 100, 101 u l-Anness 8 għar-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT;
- (2) il-metodoloġija tal-ispezzjoni kif previst fir-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT, u b'mod partikolari l-Anness 8 tagħha;
- (3) il-proċeduri li għandhom ikunu segwiti mill-uffiċjali kif stabbilit fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni;
- (4) il-proċeduri li għandhom ikunu segwiti mill-Istati Membri kif stabbilit fl-Artikoli 8 sa 13 ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 8***Proċeduri konġunti**

L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 12 għandhom jiżguraw li uffiċjali mill-Istati Membri l-oħra kkonċernati jkunu mistiedna biex jipparteċipaw f'attivitajiet konġunti ta' spezzjoni u sorveljanza u li jkunu stabbiliti proċeduri operattivi konġunti applikabbli għall-inġenji tas-sorveljanza tagħhom.

*Artikolu 9***Notifika ta' attivitajiet ta' sorveljanza u spezzjoni****▼M1**

1. Stat Membru li jkun beħsiebu jwettaq sorveljanza u jispezzjona bastimenti tas-sajd fl-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ieħor fil-qafas ta' Pjan ta' Użu Konġunt, għandu jinnotifika l-intenzjonijiet tiegħu lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru kostali kkonċernat, kif imsemmi fl-Artikolu 80, il-punt 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1224/2009 u lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA).

▼B

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- (a) it-tip, l-isem u s-sinjal tas-sejħa tal-bastimenti tal-ispezzjoni u tal-inġenju tal-ajru tal-ispezzjoni abbażi tal-lista msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1042/2006;

▼B

- (b) iż-żoni fejn ser jitwettqu l-operazzjonijiet ta' sorveljanza u spezzjoni;
- (c) it-tul ta' żmien tal-attivitajiet ta' sorveljanza u spezzjoni.

▼M1*Artikolu 10***Informazzjoni dwar ksur**

L-Istati Membri li l-uffiċjali tagħhom jindividwaw kwalunkwe ksur waqt spezzjoni tal-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 3, għandhom jinfurmaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni bid-data tal-ispezzjoni u d-dettalji tal-ksur.

▼B*Artikolu 11***Miżuri ta' infurzar immedjati f'każ ta' ksur serju**

1. Jekk jinstab ksur serju abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jiżgura li, wara l-ispezzjoni, il-bastiment tas-sajd li qed itajjar il-bandiera tiegħu jieqaf mill-attivitajiet tas-sajd kollha tiegħu u għandu jinforma lill-Kummissjoni fil-waqt opportun.
2. Jekk il-bastiment tas-sajd tal-Unjoni ma jissejjaħx f'port, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jipprovdi l-ġustifikazzjoni dovuta lill-Kummissjoni fi żmien 72 siegħa.

KAPITOLU III

IMPLIMENTAZZJONI*Artikolu 12***Programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll**

1. Il-programm ta' kontroll u spezzjoni speċifiku għandu jkun implimentat permezz ta' programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll, kif imsemmi fl-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, adottat mill-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, Malta u l-Portugall.
2. Il-programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll għandhom ikunu stabbiliti skont l-oġettivi, il-prijoritajiet, il-punti ta' referenza u l-proċeduri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni u għandhom jinkludu d-dejta kollha elenkata fl-Anness III.
3. Il-programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll għandhom ikunu akkumpanjati minn skedi ta' implimentazzjoni annwali li għandhom jinkludu d-dettalji rigward ir-riżorsi umani u materjali allokatu u ż-żoni fejn ser ikunu użati dawk ir-riżorsi. L-iskedi tal-implimentazzjoni annwali għandhom iqisu l-punti ta' referenza stabbiliti fl-Anness.
4. Għall-istaġuni tas-sajd tal-2012 u l-2013, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll u l-iskedi ta' implimentazzjoni annwali tagħhom, sal-15 ta' Settembru 2011 u 2012 rispettivament. Għandhom jagħmluhom disponibbli fuq il-parti sigura tal-websajt tagħhom sal-1 ta' Jannar 2012 u 2013.

▼B*Artikolu 13***Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri**

L-Istati Membri kollha għandhom jikkooperaw mal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 12(1) fl-implimentazzjoni tal-programm ta' kontroll u spezzjoni speċifiku.

*Artikolu 14***Attivitajiet konġunti ta' spezzjoni u sorveljanza**

Il-programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll kollha msemmija fl-Artikolu 12 jew parti minnhom jistgħu jkunu implimentati permezz ta' pjan ta' użu konġunt adottat ► **M1** l-ECFA ◀ skont ir-Regolament (KE) Nru 768/2005.

*Artikolu 15***Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll**

1. L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 12(1) għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u ► **M1** lill-ECFA ◀ rapport li jindika l-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll tagħhom imsemmi fl-Artikolu 12.

2. Għandhom ikunu kkomunikati rapporti interim fl-1 ta' Lulju u fil-15 ta' Settembru kull sena u rapport finali fil-15 ta' Diċembru tal-istess sena.

▼M1

3. Dan ir-rapport għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja, skont it-tabella stabbilita fl-Anness IV:

▼B

- (a) l-attivitajiet ta' spezzjoni u kontroll imwettqa fuq bażi ta' kull xahar;
- (b) il-ksur kollu li jinstab, u għal kull ksur għandha tkun inkluża l-identifikazzjoni ta':
 - (i) il-bastiment tas-sajd (l-isem, il-bandiera u l-kodiċi ta' identifikazzjoni estern), in-nassa, ir-razzett jew l-impriża impenjata fl-ipproċessar u/jew il-kummerċ tal-prodotti tat-tonn ikkonċernati,
 - (ii) id-data, il-ħin u l-lok tal-ispezzjoni,
 - (iii) in-natura tal-ksur, inkluża informazzjoni dwar ksur serju jew vjolazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 10 u 11,
 - (iv) il-qagħda preżenti rigward is-segwitu tal-ksur misjub (eż. każ pendenti, qed jiġi appellat, għadu qed jiġi investigat),
 - (v) id-deskrizzjoni, f'termini speċifiċi, ta' kwalunkwe penali imposti (eż. il-livell tal-multi, il-valur tal-ħut u/jew l-irkaptu kkonfiskat, l-avviż bil-miktub mogħti), flimkien mad-dokumenti ta' sostenn,
 - (vi) spjega jekk ma ttieħdet l-ebda azzjoni;

▼B

(c) kull azzjoni rilevanti ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri.

4. Ksur għandu jkompli jkun elenkat f'kull rapport sussegwenti sakemm l-azzjoni tkun konkluża taħt il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 16

Informazzjoni addizzjonali

L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni kull informazzjoni addizzjonali li tista' tintalab dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 17

Pjan u rapport ta' spezzjoni tal-Unjoni

1. Abbażi tad-Deċiżjoni kurrenti u tal-programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll, u wara konsultazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-pjan ta' spezzjoni tal-Unjoni lill-Kummissjoni ICCAT xahar qabel il-laqgħa annwali tagħha skont il-punt 9 tar-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT.

2. Il-Kummissjoni għandha darba f'sena tlaqqa' l-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura biex jevalwa l-konformità mal-programm ta' kontroll u spezzjoni speċifiku u r-riżultati tiegħu bil-ħsieb li jitħejja r-rapport li l-Unjoni hi meħtieġa li ttipprovdi lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-15 ta' Ottubru ta' kull sena.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 18

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.



ANNEX I

PUNTI TA' REFERENZA

Il-punti ta' referenza stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu implimentati sabiex b'mod partikolari jkun żgurat:

- (a) il-monitoraġġ sħiħ tal-operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ li jsir fl-ilmijiet tal-Unjoni;
- (b) il-monitoraġġ sħiħ tal-operazzjonijiet ta' trasferiment;
- (c) il-monitoraġġ sħiħ tal-operazzjonijiet konġunti tas-sajd;
- (d) il-kontroll tad-dokumenti kollha meħtieġa mil-leġiżlazzjoni applikabbli għat-tonn, b'mod partikolari li tkun ivverifikata l-affidabbiltà tal-informazzjoni rreġistrata;

Post tal-ispezzjoni	Punt ta' referenza
L-operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ	<p>Kull operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ ġewwa razzett għandha tkun awtorizzata mill-Istat(i) Membru/i tal-bandiera tal-bastiment(i) tal-qbid u/jew tan-nases għat-tonn fejn hu xieraq fi żmien 48 siegħa wara l-preżentazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa għall-operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ;</p> <p>It-tqegħid kollu fil-gaġeġ għandu jkun akkumpanjat minn dokumentazzjoni preċiża, kompluta u vvalidata kif meħtieġ mill-ICCAT (inkluż kif previst fir-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT);</p> <p>Kull operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ għandha tiġi spezzjonata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tar-razzett. L-ispezzjoni għandha tkopri l-operazzjoni sħiħa tat-tqegħid fil-gaġeġ;</p> <p>Il-programmi tat-teħid tal-kampjuni dwar kif jista' jkun hemm stima aħjar tal-għadd u l-piż tat-tonn għandhom jiġu implimentati fil-mument tat-tqegħid fil-gaġeġ.</p> <p>L-operazzjonijiet kollha tat-tqegħid fil-gaġeġ għandhom jiġu mmonitorjati b'vidjokamera fl-ilma (kif previst fil-paragrafu 86 tar-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT);</p> <p>Il-ħut għandu jitqiegħed fil-gaġeġ qabel il-31 ta' Lulju sakemm l-Istat Membru tar-razzett ma jipprovdix raġunijiet validi inkluża dik ta' <i>force majeure</i>, li għandhom jakkumpanjaw ir-rapport dwar it-tqegħid fil-gaġeġ meta dan jiġi ppreżentat.</p>
L-operazzjonijiet tal-ħsad	<p>L-operazzjonijiet tal-ħsad kollha għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumentazzjoni preċiża, kompluta u vvalidata (inkluż kif previst fid-dispozzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT);</p> <p>Matul kull operazzjoni tal-ħsad minn gaġġa, għandu jkun preżenti osservatur reġjonali tal-ICCAT.</p>
L-ispezzjoni fuq il-baħar	<p>Punt ta' referenza, li għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljata tal-attività tas-sajd f'kull żona;</p> <p>Il-punti ta' referenza fuq il-baħar għandhom jirreferu għall-għadd ta' jiem ta' għassa fuq il-baħar kif ukoll għall-għadd ta' jiem ta' għassa b'indikazzjoni tal-istaġun tas-sajd u t-tip ta' attività tas-sajd fil-mira.</p>
L-operazzjonijiet ta' trasferiment	<p>Kull operazzjoni ta' trasferiment għandha tkun ġiet awtorizzata minn qabel mill-Istati tal-bandiera abbażi ta' notifika minn qabel ta' trasferiment (kif previst fir-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT);</p> <p>Kull operazzjoni ta' trasferiment għandha tkun assenjata numru ta' awtorizzazzjoni (kif previst fil-paragrafu 76 tar-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT);</p> <p>Trasferiment għandu jkun awtorizzat fi żmien 48 siegħa wara l-preżentazzjoni tan-notifika minn qabel ta' trasferiment (kif previst fil-paragrafu 76 tar-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT);</p> <p>Dikjarazzjoni ta' trasferiment tal-ICCAT għandha tintbagħat lill-Istat tal-bandiera fit-tmiem tal-operazzjoni ta' trasferiment (kif previst fil-paragrafu 77 tar-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT);</p> <p>L-operazzjonijiet kollha ta' trasferiment għandhom jiġu rreġistrati fuq vidjokamera fl-ilma (kif previst fil-paragrafu 79 tar-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT).</p> <p>L-istudji pilota dwar kif tista' ssir stima aħjar kemm tal-għadd kif ukoll tal-piż tat-tonn għandhom jiġu implimentati fil-mument tal-qabda inkluż permezz tal-użu ta' sistemi sterjoskopiċi.</p>

▼ **M1**

Post tal-ispezzjoni	Punt ta' referenza
It-trażbordi	<p>Il-bastimenti kollha għandhom ikunu spezzjonati mal-wasla qabel jibdedw l-operazzjonijiet ta' trażbord, kif ukoll qabel it-tluq wara l-operazzjonijiet ta' trażbord. Għandhom isiru verifiki aleatorji f'portijiet mhux magħżula;</p> <p>Dikjarazzjoni ta' trażbord għandha tintbagħat lill-Istati tal-bandiera mhux aktar tard minn 48 siegħa wara d-data tat-trażbord fil-port (kif previst fil-paragrafu 69 tar-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT).</p>
L-operazzjonijiet konġunti tas-sajd	L-operazzjonijiet konġunti tas-sajd (JFO) kollha jridu jkunu ġew awtorizzati mill-Istati Membri tal-bandiera u mill-Kummissjoni li għandhom jibagħtu l-JFOs awtorizzati lill-ICCAT. Lista tal-JFOs awtorizzati se tiġi pubblikata fil-websajt tal-ICCAT.
Is-sorveljanza mill-ajru	Punt ta' referenza flessibbli, li għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljata tal-attività tas-sajd imwettqa f'kull żona, filwaqt li jitqiesu r-riżorsi disponibbli għall-użu mill-Istati Membri.
Il-ħatt l-art	<p>Il-bastimenti kollha li jidħlu f'port magħżul bil-għan li jħottu t-tonn l-art għandhom jiġu spezzjonati; għandhom isiru verifiki aleatorji f'portijiet mhux magħżula;</p> <p>L-awtorità kompetenti għandha tibgħat reġistrazzjoni tal-attività tal-ħatt l-art lill-awtorità tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd, fi żmien 48 siegħa wara li jkun intemm il-ħatt l-art (kif previst fil-paragrafu 68 tar-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT).</p>
Il-kummerċjalizzazzjoni	Punt ta' referenza flessibbli, li għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljata tal-attività ta' kummerċjalizzazzjoni li twettqet.
Is-sajd sportiv u rikreattiv	Punt ta' referenza flessibbli, li għandu jiġi stabbilit wara analiżi dettaljata tal-attività tas-sajd sportiv u rikreattiv li twettqu.
In-nases	L-operazzjonijiet kollha bin-nases, inklużi t-trasferimenti u l-ħsad, għandhom ikunu spezzjonati u koperti minn osservaturi nazzjonali.



M1

ANNEX II

PROĊEDURI LI GĦANDHOM JIĠU SEGWITI MILL-UFFIĊJALI

1. Kompiti ta' spezzjoni

1.1. Kompiti ġenerali ta' spezzjoni

Għandu jitħejja rapport ta' spezzjoni għal kull kontroll u spezzjoni, fil-format stabbilit fil-Parti 2 ta' dan l-Anness. L-uffiċjali għandhom, fi kwalunkwe każ, jivverifikaw u jniżżlu l-informazzjoni li ġejja fir-rapport tagħhom:

- (1) id-dettalji tal-identità tal-persuni responsabbli, kif ukoll dawk tal-bastiment, tal-persunal tar-razzett, eċċ. involuti fl-attivitàjiet spezzjonati;
- (2) l-awtorizzazzjonijiet, il-liċenzji u l-awtorizzazzjoni tas-sajd;
- (3) id-dokumentazzjoni rilevanti dwar il-bastimenti, bħall-ġurnali ta' abbord, id-dikjarazzjonijiet ta' trasferiment u ta' trażbord, id-dokumenti dwar il-qbid tat-tonn tal-ICCAT, iċ-ċertifikati tar-riesportazzjoni u dokumentazzjoni oħra eżaminati għall-finijiet ta' kontroll u spezzjoni kif previst fir-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT;
- (4) osservazzjoni dettaljata tad-daqsijiet ta' tonn maqbud, magħluq b'nases, ittrasferit, ittrażbordat, li jinħatt l-art, ittrasportat, imqiegħed f'gagġ, imrobbi, ipproċessat jew ikkummerċjalizzat fil-kuntest tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-pjan ta' rkupru. Fil-każ tat-tqegħid fil-gagġ, dan jinkludi l-kontroverifika bejn id-dikjarazzjoni dwar it-tqegħid fil-gagġ, ir-reġistrazzjonijiet bil-vidjo u r-risultati tal-programmi tat-teħid tal-kampjuni u tal-istudji pilota.
- (5) il-perċentwali tal-qabdiet inċidentali tat-tonn li jinżammu abbord il-bastimenti li ma jkunux qegħdin jistadu b'mod attiv għat-tonn.

L-informazzjoni dwar is-sejbiet rilevanti kollha mill-ispezzjoni fuq il-baħar, mis-sorveljanza mill-ajru, f'portijiet, nases, irziezet jew fi kwalunkwe impriża oħra kkonċernata għandha titniżżel fir-rapporti tal-ispezzjoni. Fil-każ ta' spezzjoni fil-qafas tal-Iskema għal Spezzjoni Internazzjonali Konġunta tal-ICCAT, l-uffiċjal għandu jirreġistra l-ispezzjonijiet imwettqa u kwalunkwe ksur li jinduna bih fuq il-ġurnal ta' abbord tal-bastiment.

Dawk is-sejbiet għandhom jitqabblu mal-informazzjoni li titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-uffiċjali minn awtoritajiet kompetenti oħra, inkluża informazzjoni mis-Sistema tal-Monitoraġġ tal-Bastiment (VMS), il-listi tal-bastimenti awtorizzati, ir-rapporti tal-osservaturi, ir-reġistrazzjonijiet bil-vidjo u d-dokumenti kollha relatati mal-attivitàjiet tas-sajd.

1.2. Kompiti ta' spezzjoni għas-sorveljanza mill-ajru

L-uffiċjali għandhom jirrappurtaw dwar id-dejta ta' sorveljanza għal finijiet ta' kontroverifika, u b'mod partikolari għandhom jivverifikaw il-mih ta' bastimenti tas-sajd mal-VMS u l-listi tal-bastimenti awtorizzati.

L-uffiċjali għandhom ifittxu u jirrappurtaw dwar l-attivitàjiet ta' sajd illegali, mhux Rapportati u mhux Regolati (IUU) u dwar l-użu ta' iġenji tal-ajru jew ħelikopters tat-tiftix.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari għal żoni magħluqa, għall-perjodi tal-istaġuni tas-sajd u għall-attivitàjiet tal-flotot li għalihom japplikaw xi derogi.

1.3. Kompiti ta' spezzjoni fuq il-baħar

1.3.1. Kompiti ġenerali ta' spezzjoni

Meta jittella' ħut mejjet abbord il-bastiment tal-qbid, inkella jkun preżenti fuq bastiment tal-ipproċessar jew tat-trasport, l-uffiċjali għandhom dejjem jivverifikaw il-kwantitajiet ta' ħut miżmuma abbord u jqabbluhom mal-kwantitajiet irreġistrati fid-dokumentazzjoni rilevanti.

▼ **M1**

Meta jkun qed jiġi ttrasferit ħut ħaj, l-uffiċjali għandhom jaraw li jidentifikaw il-mezzi użati mill-partijiet involuti biex jistmaw il-kwantitajiet ta' tonn ħaj ittrasferit fir-rigward tar-riżultati ta' studji pilota. L-uffiċjali għandhom jingħataw aċċess għall-kwantitajiet ittrasferiti u jivverifikawhom, kif osservat fir-reġistrazzjoni bil-vidjo.

Se jsiru għadd ta' spezzjonijiet "fuq il-post" ġewwa l-gaġeġ tal-irmunkar minn spetturi bugħaddasa ta' Stati Membru li se jivverifikaw li l-għadd u l-piż stmat maqbud u ttrasferiet jikkorrispondu ma' dawk fid-dikjarazzjoni ta' trasferiment tal-ICCAT abbord il-bastimenti tal-irmonk. L-uffiċjali għandhom jivverifikaw sistematikament:

- (1) li l-bastimenti tas-sajd huma awtorizzati joperaw (l-immarkar, l-identità, il-liċenzja, l-awtorizzazzjoni tas-sajd u l-listi tal-ICCAT),
- (2) il-konformità mar-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni tal-bastiment,
- (3) li l-bastimenti tas-sajd ikunu mgħammra b'Sistema tal-Monitoraġġ tal-Bastiment (VMS) li tkun operattiva u li jkunu rispettati r-rekwiżiti dwar il-komunikazzjoni VMS,
- (4) li l-bastimenti tas-sajd mhumiex joperaw f'żoni magħluqa u qed jirrispettaw l-għeluq tal-istaġun tas-sajd,
- (5) il-konformità mar-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni tal-qbid,
- (6) ir-rispett tal-limitazzjonijiet tal-kwoti u/jew tal-qabdiet inċidentali,
- (7) Id-daqs tal-kompożizzjoni tal-qabdiet abbord li għalihom huwa applikat id-daqs minimu,
- (8) il-kwantitajiet fiżiċi tal-ispeċijiet kollha abbord u l-preżentazzjoni tagħhom,
- (9) l-irkaptu tas-sajd abbord,
- (10) il-preżenza ta' osservatur fejn rilevanti.

L-uffiċjali għandhom ifittxu u jirrappurtaw dwar attivitajiet ta' sajd IUU, u dwar l-użu ta' inġenji tal-ajru jew elikopters ta' tiftix.

1.3.2. Kompiti ta' spezzjoni waqt operazzjonijiet ta' trasferiment

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw sistematikament:

- (1) il-konformità mar-rekwiżiti tan-notifika minn qabel ta' trasferiment;
- (2) li l-Istat tal-bandiera jkun assenja u kkomunika lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd, jew nassa jew razzett kif xieraq, numru ta' awtorizzazzjoni għal kull operazzjoni ta' trasferiment fi żmien 48 siegħa wara l-preżentazzjoni ta' notifika minn qabel ta' trasferiment;
- (3) il-konformità mar-rekwiżiti ta' dikjarazzjoni ta' trasferiment tal-ICCAT;
- (4) li d-dikjarazzjoni ta' trasferiment ġiet iffirmata mill-osservatur reġjonali tal-ICCAT abbord u trażmessa lill-kaptan tal-bastiment tal-irmonk;
- (5) il-konformità mar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni bil-vidjo;
- (6) kif saret l-istima tal-għadd u l-piż tat-tonn fil-waqt tal-qabda permezz ta' studji pilota inkluż permezz tal-użu ta' kameras sterjoskopiċi.

1.3.3. Kompiti ta' spezzjoni waqt operazzjonijiet konġunti tas-sajd

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw sistematikament:

- (1) il-konformità mar-rekwiżiti għall-operazzjonijiet konġunti tas-sajd rigward l-informazzjoni li għandha tkun irrappurtata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd;

▼ **M1**

(2) li l-awtorizzazzjoni għal operazzjoni konġunta tas-sajd tkun twasslet lill-bastimenti tas-sajd mill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 302/2009;

(3) il-preżenza ta' osservatur matul l-operazzjoni konġunta tas-sajd.

1.4. *Il-kompiti ta' spezzjoni waqt il-ħatt l-art*

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw sistematikament:

(1) li l-bastimenti tas-sajd ikunu awtorizzati joperaw (il-markar, l-identità, il-liċenzja, l-awtorizzazzjoni tas-sajd u l-listi tal-ICCAT, jekk rilevanti);

(2) li n-notifika minn qabel tal-wasla għall-ħatt l-art tkun intbagħtet mill-awtoritajiet kompetenti;

(3) li l-awtorità kompetenti tkun bagħtet reġistrazzjoni tal-ħatt l-art lill-awtorità tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd, fi żmien 48 siegħa wara li jkun intemm il-ħatt l-art;

(4) li l-bastimenti tas-sajd ikunu mgħammra b'Sistema tal-Monitoraġġ tal-Bastiment (VMS) operattiva u li jkunu rispettati r-rekwiżiti dwar il-komunikazzjoni VMS;

(5) il-konformità mar-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni tal-bastiment;

(6) il-kwantitajiet fiżiċi ta' ħut maqbud, u l-preżentazzjoni tiegħu;

(7) il-kompożizzjoni totali tal-qabdiet abbord sabiex ikunu vverifikati r-regoli dwar il-qbid inċidentali;

(8) il-kompożizzjoni tad-daqs abbord sabiex ikunu vverifikati r-regoli dwar id-daqs minimu;

(9) l-irkaptu tas-sajd abbord;

(10) fil-każ ta' ħatt l-art ta' prodotti pproċessati, l-użu tal-fatturi ta' konverżjoni tal-ICCAT biex jiġi kkalkolat il-piż sħiħ ekwivalenti tat-tonn ipproċessat;

(11) li t-tonn li jinħatt l-art mid-dgħajjes tas-sajd tal-lixxa, bastimenti li jistadu bil-konż, dgħajjes bil-qasba jew għat-trejjix fil-Lvant tal-Atlantiku u l-Mediterran jkun immarkat b'mod korrett minn denbu.

1.5. *Il-kompiti ta' spezzjoni waqt it-trażbord*

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw sistematikament:

(1) li l-bastimenti tas-sajd huma awtorizzati joperaw (il-markar, l-identità, il-liċenzja, l-awtorizzazzjoni tas-sajd u l-listi tal-ICCAT);

(2) li n-notifika minn qabel tal-wasla fil-port tkun intbagħtet u kien fiha l-informazzjoni korretta dwar it-trażbord;

(3) li l-bastimenti tas-sajd tat-trażbord li jixtiequ jittrażbordaw ikunu rcevev awtorizzazzjoni minn qabel mill-Istat tal-bandiera tagħhom;

(4) li l-kwantitajiet notifikati minn qabel għat-trażbord huma vverifikati;

(5) li ntagħtet dikjarazzjoni tat-trażbord lill-Istati tal-bandiera sa mhux aktar tard minn 48 siegħa wara d-data tat-trażbord fil-port;

▼ **M1**

- (6) li d-dokumentazzjoni rilevanti tkun abbord u mimlija kif suppost, fosthom id-dikjarazzjoni tat-trażbord, id-dokumenti rilevanti tal-qbid tat-tonn tal-ICCAT u ċ-ċertifikat tar-riesportazzjoni;
- (7) fil-każ ta' prodotti pproċessati, l-użu tal-fatturi ta' konverżjoni tal-ICCAT biex jiġi kkalkolat il-piż sħiħ ekwivalenti tat-tonn ipproċessat.

1.6. *Kompiti ta' spezzjoni fuq stallazzjonijiet tal-irziezet*

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw sistematikament:

- (1) li d-dokumentazzjoni rilevanti hija preżenti u rrapportata kif suppost (id-dokumenti tal-qbid tat-tonn u ċ-ċertifikat tar-riesportazzjoni, id-dikjarazzjoni ta' trasferiment, id-dikjarazzjoni ta' trażbord);
- (2) li l-operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ għet awtorizzata mill-bastimenti tal-qbid u/jew tan-nassa u mill-awtoritajiet tal-Istat Membru tar-razzett;
- (3) li osservatur reġjonali tal-ICCAT kien preżenti matul it-tqegħid fil-gaġeġ u l-attivitàjiet ta' ħsad tat-tonn kollha, u vvalida d-dikjarazzjonijiet tat-tqegħid fil-gaġeġ;
- (4) li l-attivitàjiet kollha tat-trasferimenti mill-gaġeġ għar-razzett ġew immonitorati minn vidjokamera fl-ilma;
- (5) li l-Istat Membru tar-razzett mhux se jaċċetta t-tqegħid fil-gaġeġ tat-tonn fejn il-kwantità bil-għadd u/jew piż hija aktar minn dik awtorizzata biex titqiegħed fil-gaġġa mill-Istat Membru tal-bandiera;
- (6) li tiegħed kampjun minn kull operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ inkluż meta l-ħut huwa ttrasferit minn kamra ta' nassa għat-tonn għal gaġġa tat-tismin.

Se jsiru għadd ta' spezzjonijiet "fuq il-post" minn spetturi bugħaddasa ta' Stati Membri fil-gaġeġ tar-razzett biex jikkonfermaw il-kwantitajiet ta' ħut fil-gaġeġ. Dan għandu jsir minn bugħaddasa li fi Stat Membru wiegħed ikunu qed jagħmlu użu wkoll minn kamera sterjoskopika.

1.7. *Kompiti ta' spezzjoni marbuta mat-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni*

L-uffiċjali għandhom jivverifikaw sistematikament:

- (1) fir-rigward tat-trasport, b'mod partikolari d-dokumenti ta' akkumpanjament rilevanti u jivverifikawhom mal-kwantitajiet fiżiċi ttrasportati;
- (2) fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni, li d-dokumentazzjoni rilevanti tkun preżenti u mimlija kif suppost, inklużi d-dokumenti rilevanti tal-qbid tat-tonn u ċ-ċertifikati tar-riesportazzjoni.

2. **Rapport tal-ispezzjoni**

- (1) Għall-ispezzjonijiet imwettqa fil-qafas tal-Iskema għal Spezzjoni Internazzjonali Konġunta tal-ICCAT, l-uffiċjali għandhom jużaw il-mudell fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness.
- (2) Għall-ispezzjonijiet l-oħra, l-uffiċjali għandhom jużaw il-mudell tar-rapporti nazzjonali tagħhom mimlija skont l-Artikolu 100 u l-Anness XXVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1.



Appendiċi 1

RAPPORT TA' SPEZZJONI TAL-ICCAT Nru ...

1. Spettur(i)	2. Xhud tal-ispettur			
1.1. Isem	3. Isem			
1.2. Nazzjonalità	4. Nazzjonalità			
1.3. Partijiet Kontraenti	5. Partijiet Kontraenti			
1.4. Numru tal-Karta tal-Identità ICCAT	6. Numru tal-Karta tal-Identità ICCAT			
7. Bastiment li jinsab fuq l-Ispettur				
7.1. Isem u Reġistrazzjoni				
7.2. Bandiera				
8. Bastiment spezzjonat				
8.1. Isem u Reġistrazzjoni				
8.2. Bandiera				
8.3. Kaptan (Isem u Iindirizz)				
8.4. Sid il-bastiment (Isem u Iindirizz)				
8.5. Numru tar-Reġistrazzjoni ICCAT				
8.6. Tip ta' bastiment				
9. Pożizzjoni				
9.1. Kif determinat mill-ispettur:	Lat Long			
9.2. Kif determinat mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd:	Lat Long			
9.3. Ħin (GMT) meta l-pożizzjoni ġiet irreġistrata:				
10. Data (jj/xx/ssss)				
11. Ħin				
11.1. Tal-wasla abbord				
11.2. Tat-tluq mill-bastiment				
12. Irkaptu tas-sajd abbord				
Purse seine <input type="checkbox"/>	Lenez għat-trejix <input type="checkbox"/>			
Bil-konz <input type="checkbox"/>	Qasab u xliet (Dgħajjes tas-sajd bil-lixka) <input type="checkbox"/>			
Oħrajn (speċifika)	Għadd ta' gaġeġ			
Gaġeġ tal-irmunkar Iva Le				
13. Dikjarazzjoni tar-ritratti meħuda b'deskrizzjoni tas-suġġetti:				
.....				
.....				
.....				
.....				
14. Lista ta' dokumenti spezzjonati u kummenti:				
14.1. Ġurnal ta' abbord:	Iva Le Ksur Iva Le			
14.2. Dikjarazzjoni tal-qbid tat-tonn	Iva Le Ksur Iva Le			
14.3. Trasferiment/trażbord Dikjarazzjoni	Iva Le Ksur Iva Le			
14.4. Oħrajn (speċifika)				
15. Riżultati tal-ispezzjoni tal-ħut abbord:				
15.1. Speċijiet osservati abbord				
Speċi				
Qabda totali (kg)				
Sors tal-informazzjoni				
Tip ta' prodott				
Kampjun spezzjonat				
% taħt id-daqs minimu				

▼ M1

15.2. Speċijiet iddikjarati fil-gaġġa/gaġeġ

Dokument ta' trasferiment Nru Data tal-ewwel trasferiment

Razzett ta' Destinazzjoni

Isem tal-bastiment tal-qbid

Nru tal-ICCAT

Nru tal-gaġġa Speċi Għadd ta' ħut individwali Piż (kg)

16. Ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-ICCAT osservat (deskrizzjoni tal-ksur b'invokazzjoni tar-referenza legali, u jekk tinstab/jinstabu infrazzjoni(jiet) serja/i, jekk jogħġbok imla l-paġna meħmuża)

.....

17. Kummenti tal-ispettur (jekk meħtieġ uża folja addizzjonali li tispeċifika: '*dokument meħmuż mar-rapport tal-ICCAT numru xxx*):

.....

18. Firma tal-ispettur Firma tax-xhud

19. Isem l-osservatur, kummenti u firma

.....

20. Isem il-kaptan, kummenti u firma

.....



INFRAZZJONI SERJA OSSERVATA

Isem il-bastiment: Bandiera tal-bastiment: Numru tal-ICCAT:

- sajd mingħajr liċenzja, permess jew awtorizzazzjoni maħruġ mill-PKK tal-bandiera,
- in-nuqqas ta' żamma ta' reġistri suffiċjenti ta' dejta dwar il-qbid u relatata mal-qbid skont ir-rekwiżiti ta' rappurtar tal-Kummissjoni jew rappurtar ħażin sinifikanti ta' dejta bħal din dwar il-qbid u/jew relatata mal-qbid;
- sajd f'żona magħluqa;
- sajd waqt staġun magħluq;
- it-teħid jew iż-żamma intenzjonali ta' speċijiet bi ksur ta' kwalunkwe miżura applikabbli ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-ICCAT;
- ksur sinifikanti tal-limiti tal-qbid jew kwoti fis-seħħ skont ire-regoli tal-ICCAT;
- l-użu ta' rkaptu pprobit tas-sajd;
- il-falsifikazzjoni jew il-ħabi intenzjonali tal-marki, l-identità jew ir-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd;
- il-ħabi, it-tbagħbis jew it-twarrib ta' provi li jkollhon x'jaqsmy ma' investigazzjoni ta' ksur;
- ksur multipli li meħud flimkien jikkostitwixxi nuqqas serju ta' osservanza tal-miżuri skont l-ICCAT;
- kull ksur ieħor li jista' jiġi stabbilit mill-ICCAT, ladarba dan jiġi nkluż u ċċirkolat f'verżjoni riveduta ta' dawn il-proċeduri;
- attakk, reżistenza, intimidazzjoni, fastidju sesswali, interferenza ma', jew tfixil jew dewmien żejjed kontra spettur jew osservatur awtorizzat;
- tbagħbis jew diżattivazzjoni intenzjonali tas-sistema tal-monitoraġġ tal-bastiment;
- sajd bl-assistenza ta' ajruplani ta' lokalizzazzjoni;
- indħil fis-sistema tal-monitoraġġ bis-satellita u/jew operazzjonijiet mingħajr is-sistema VMS;
- attività tat-trasferiment mingħajr dikjarazzjoni tat-trasferiment;
- trażbord fuq il-baħar;

Firma tal-ispettur Firma tax-xhud

Data



ANNEX III

Kontenut tal-programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll kif imsemmi fl-artikolu 12

Il-programmi nazzjonali ta'; azzjoni ta'; kontroll għandhom jispeċifikaw dan li ġej:

1. MEZZI TA' KONTROLL

1. Mezzi umani

L-għadd ta'; uffiċjali ibbażati fuq l-art u dawk li jbaħħru u l-perjodi u ż-żoni fejn dawn huma disponibbli biex jiġu mħaddma.

2. Mezzi tekniċi

L-għadd ta'; bastimenti u inġenji tal-ajru tar-ronda, u l-perjodi u ż-żoni fejn dawn huma disponibbli biex jiġu mħaddma.

3. Mezzi finanzjarji

L-allokazzjoni baġitarja għall-użu tar-riżorsi umani u tal-bastimenti u l-inġenji tal-ajru tar-ronda.

2. NOMINA TA' PORTIJET

Il-lista tal-portijiet deżinjati u l-ħinjiet deżinjati meħtieġa taħt ir-Rakkomandazzjoni 10-04 tal-ICCAT.

3. PJANIJET ANNWALI TAS-SAJD

Id-dettalji ta'; kwalunkwe sistema stabbilita għall-allokazzjoni tal-kwoti, il-monitoraġġ u l-kontroll tal-pjan tas-sajd.

4. PROTOKOLLI TA' SPEZZJONI

Protokolli dettaljati li jispjegaw il-metodoloġija għall-attivitajiet kollha ta'; spezzjoni.

Il-protokolli għandhom iqisu r-rekwiżiti kif stipulati fl-Artikolu 12 ta'; din id-Deċiżjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-punti li ġejjin ikunu inklużi fl-attivitajiet tagħhom ta'; spezzjoni:

1. *Il-qabdiet:*

- (a) Il-kwantità (l-istima tal-bijomassa) u l-għadd preċiż ta'; kampjuni, –
- (b) Il-verifika li l-kwantitajiet tal-qabda jirrispettaw l-allokazzjoni tal-kwoti,
- (c) Il-verifika tar-rekwiżiti tad-daqs minimu, b'tolleranza ta'; % fin-numri.

2. *It-trasferiment:*

- (a) L-awtorizzazzjoni minn qabel għal trasferimenti f'gaġġa tal-irmunkar u gaġġeġ tal-irziezet,
- (b) Il-kwantità eżatta u l-għadd ta'; ħut trasferit f'gaġġa tal-irmunkar,
- (c) Il-mortalità waqt l-operazzjoni tal-irmunkar u d-destinazzjoni tal-ħut mejjet.

3. *Ir-razzett:*

- (a) Il-konferma tal-leġittimità tal-qabda kif ukoll awtorizzazzjoni minn qabel mill-Istat Membru tal-bandiera,
- (b) IL-kwantità eżatta u l-għadd ta'; ħut trasferit fil-gaġġeġ għat-tismin,
- (c) Il-programm tat-teħid ta'; kampjuni/tat-tikkettar biex jiġi stmat l-akkwist fil-piż.

▼B

4. *Il-ħsad u l-esportazzjoni:*

- (a) Il-kwantità eżatta u l-għadd ta'; ħut li nħasad,
- (b) Il-kopertura mill-Programm għal Osservatur Reġjonali tal-ICCAT,
- (c) Il-kwantità eżatta skont it-tip tal-prodott (li tindika b'mod ċar il-fatturi ta'; konverżjoni).

5. **LINJI GWIDA**

Linji gwida ta'; spjega għall-uffiċjali, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u s-sajjieda.

6. **PROTOKOLLI TA' KOMUNIKAZZJONI**

Protokolli ta'; komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti magħżula minn Stati Membri oħra bħala li huma responsabbli għall-programm ta'; kontroll u spezzjoni speċifiku għat-tonn.

▼B

ANNEX IV

Qagħda ta' kull xahar tal-programm nazzjonali ta' azzjoni ta' Kontroll tat-Tonn

Rappurtar minn:

Stat Membru

Xahar

Sena

TAQSIMA A

Sommarju tal-ispezzjonijiet

		Bastimenti tas-sajd bil-purse seine	Bastimenti tas-sajd bil-konz	Dgħajjes bil-lixka	Bastimenti tas-sajd bit-tkarkir	Bastimenti tal-irmunkar	Bastimenti oħrajn	Nassa	Razzett	Operaturi oħrajn	
Jannar	Spezzjonijiet (total skont l-irkaptu)										
	fuq il-baħar										
	fuq l-art										
	ksur (total skont l-irkaptu)										
Frar	Spezzjonijiet (total skont l-irkaptu)										
	fuq il-baħar										
	fuq l-art										
	ksur (total skont l-irkaptu)										
Marzu	Spezzjonijiet (total skont l-irkaptu)										
	fuq il-baħar										
	fuq l-art										
	ksur (total skont l-irkaptu)										
April	Spezzjonijiet (total skont l-irkaptu)										
	fuq il-baħar										
	fuq l-art										
	ksur (total skont l-irkaptu)										

▼B

		Bastimenti tas-sajd bil-purse seine	Bastimenti tas-sajd bil-konz	Dgħajjes bil-lixka	Bastimenti tas-sajd bit-tkarkir	Bastimenti tal-irmunkar	Bastimenti oħrajn	Nassa	Razzett	Operaturi oħrajn	
Mejju	Spezzjonijiet (total skont l-irkaptu)										
	fuq il-baħar										
	fuq l-art										
	ksur (total skont l-irkaptu)										
Ġunju	Spezzjonijiet (total skont l-irkaptu)										
	fuq il-baħar										
	fuq l-art										
	ksur (total skont l-irkaptu)										
Lulju	Spezzjonijiet (total skont l-irkaptu)										
	fuq il-baħar										
	fuq l-art										
	ksur (total skont l-irkaptu)										
Awwissu	Spezzjonijiet (total skont l-irkaptu)										
	fuq il-baħar										
	fuq l-art										
	ksur (total għall-irkaptu)										
Settembru	Spezzjonijiet (total skont l-irkaptu)										
	fuq il-baħar										
	fuq l-art										
	ksur (total skont l-irkaptu)										
Ottubru	Spezzjonijiet (total skont l-irkaptu)										
	fuq il-baħar										
	fuq l-art										
	ksur (total skont l-irkaptu)										

▼B

		Bastimenti tas-sajd bil-purse seine	Bastimenti tas-sajd bil-konz	Dgħajjes bil-lixka	Bastimenti tas-sajd bit-tkarkir	Bastimenti tal-irmunkar	Bastimenti oħrajn	Nassa	Razzett	Operaturi oħrajn	
Novembru	Spezzjonijiet (total skont l-irkaptu)										
	fuq il-baħar										
	fuq l-art										
	ksur (total skont l-irkaptu)										
Diċembru	Spezzjonijiet (total skont l-irkaptu)										
	fuq il-baħar										
	fuq l-art										
	ksur (total skont l-irkaptu)										

OSSERVAZZJONIJIET**TAQSIMA B****Deskrizzjoni tal-ksur**

Data	Tip ta' kontroll	Żona	Nru tar-rapport tal-ispezzjoni	Bandiera	Nru tal-ICCAT (jew CFR)	Isem	Rkaptu	PNC u SV	Deskrizzjoni	Azzjoni meħuda? IVA/LE	Deskrizzjoni tal-azzjoni	Stat preżenti	Tul mistenni tal-investigazzjoni	Ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni	Kummenti
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)	(14)	(15)	(16)

▼B

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)	(14)	(15)	(16)



SPJEGAZZJONI (għat-Taqsima B)

Nru	qasam	deskrizzjoni
1	DATA	Data li fiha saret l-ispezzjoni
2	TIP TA' KONTROLL	S-baħar P-port F-razzett T-nassa O-oħrajn
3	ŻONA	Għal "S" indika l-koordinati. Għal "P, F, T jew O" indika ż-żona jew l-isem tal-port.
4	NRU TAR-RAPPORT TAL-ISPEZZJONI	Numru tar-rapport tal-ispezzjoni tal-ICCAT (jew nazzjonali)
5	BANDIERA	Bandiera tal-bastiment/operatur spezzjonat
6	NRU tal-ICCAT (jew CFR)	Numru tal-ICCAT jew numru tar-Reġistrazzjoni tal-Flotta tal-Unjoni tal-bastiment/operatur spezzjonat
7	ISEM	L-isem tal-bastiment/operatur spezzjonat
8	RKAPTU	Rkaptu prinċipali użat mill-bastiment/operatur fil-mument tal-ispezzjoni
9	PNC u SV	Possibbiltà ta' Nuqqas ta' Konformità (PNC) u Ksur Serju (SV) indika r-referenza legali (il-leġiżlazzjoni tal-UE u/jew ir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT)
10	DESKRIZZJONI	Deskrizzjoni ta' possibbiltà ta' nuqqas ta' konformità u/jew ta' ksur serju
11	AZZJONI MEĦUDA? IVA/LE	Jekk IVA imla l-kaxxi 12-17, jekk LE, għaddi għan-numru 16
12	DESKRIZZJONI TAL-AZZJONI	(multa/penali/sekwestru/...)
13	STAT PREŻENTI	Pendenti/magħluq/qed jiġi investigat/eċċ
14	TUL MISTENNI TAL-INVESTIGAZZJONI	Tul mistenni tal-investigazzjoni u/jew tal-proċess
15	ĠUSTIFIKAZZJONI GĦAN-NUQQAS TA' TEĦID TA' AZZJONI	Ġustifikazzjoni sħiħa fil-każ li ma tkun ittieħdet l-ebda azzjoni
16	KUMMENTI	Kummenti ġenerali